QALA

Ref Nru 48

Il-minuti tat-tmienja u erbghin laqgha tal-hames leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala li nzammet nhar il-Gimgha 27 ta' Jannar 2012, fil-5:00 ta' filghaxija fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Paul Buttigieg |
| Vici Sindku: | Dr Raymond Xerri |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg<br>Victor Grech<br>Jesmond Borg |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

## 1 Talba

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

## 2 Approvazzjoni tal-minuti ta' l-erbgha u erbghin, il-hamsa u erbghin, is-sitta u erbghin u s-sebgha u erbghin laqgha.

2.1 Peress li l-minuti ta' l-erbgha u erbghin, il-hamsa u erbghin, is-sitta u erbghin u s-sebgha u erbghin laqgha tqassmu qabel, dawn gew ikkonsiderati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

## 3 Xogholijiet ta' restawr tal-Fortizza ta' Sant Antnin – L-ahhar zviluppi.

3.1 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil MEPA dwar it-10% *management fee* li huma parti mill-*planning gain* li din l-istess MEPA ma tridx tghaddi lil Din L-Art Helwa. Ser isir laqgha bejn il-Kunsill, l-MEPA u Din l-Art dwar dan. Saret talba sabiex jinghataw fondi mill-*Urban Improvement Fund* tal-MEPA, ghat-tikhil tal-Fortizza. L-aperturi ta' l-injam qed jitwahhlu fil-Fortizza. Il-Perit tal-Kunsill Edward Scerri ghamel *talk* barra minn Malta fejn semma l-Fortizza.

## 4 Evalwazzjoni ta' l-attivitajiet tal-Milied u l-inawgurazzjoni tas-Sala tal-Komunita`

4.1 Saret diskussjoni fuq l-attivitajiet tal-Milied u l-inawgurazzjoni tas-Sala tal-Komunita`, li kienu ta' success.

QALA

**5 Xogholijiet fuq bini li jinsab fi Triq it-28 t'April 1688 li ser igi konvertit f'Muzew Folkloristiku – f'hiex wasalna.**

5.1 Ghadhom ghaddejjin x-xogholijiet fuq bini li jinsab fi Triq it-28 t'April 1688 li ser jigi konvertit f'Muzew Folkloristiku. Giet trattata stima tax-xoghol li sar li giet preparata mill-Perit tal-Kunsill.

**6 Decizjoni fuq it-*tender* tal-Provvista ta' Pannelli Photovoltaici – Rapport mill-Inginer tal-Kunsill Lokali.**

6.1 Gie trattat ir-rapport li sar mill-Inginer Mario Galea minn Galea Curmi Engineering Consultants dwar l-offerta ghal provvista u installazzjoni ta' sistema *photovoltaic* fuq il-bini tal-Kunsill Lokali Qala. F'dan ir-rapport giet rrakkommendatha l-offerta ta' *Solar Engineering Ltd.* Ghalhekk il-Kunsill unanimament iddecida li tigi maghzula din l-offerta.

**7 Attivitajiet Karnival 2012 - Serata nhar is-Sibt 18 ta' Frar 2012.**

7.1 Gie diskuss il-programm ghall-attivitajiet tal-Karnival 2012 li ser isiru nhar is-Sibt 18 ta' Frar 2012.

**8 Bandla gdida fi Gnien il-Familja ffinanzjata mill-UIF – MEPA.**

8.1 Is-Sindku semma li l-bandla gdida li giet ffinanzjata mill-UIF tal-MEPA giet installatha fi Gnien il-Familja.

**9 Tlestija tat-toroq bit-tarmak ta' Triq Santa Marija tal-Qala u Triq is-Salib u bidu tax-xoghlijiet fi Triq il-Kappillan Dun Guzepp Vella.**

9.1 Nghatat it-tieni kisja tarmak ta' Triq Santa Marija tal-Qala u Triq is-Salib u ghalhekk dawn it-toroq huma lesti. Kien hemm partijiet f'dawn it-toroq li nqalgha t-tarmak u ghalhekk ingab il-Perit tal-Kunsill. Il-Kuntrattur ser jerga jigi u jqaxxar u jaghti t-tarmak lil dawn il-partijiet. Ix-xoghol fi Triq il-Kappillan Dun Guzepp Vella dalwaqt ser jinghata bidu ghalih.

**10 Fuljett informattiv dwar il-progetti li qed iwettaq il-Kunsill Lokali.**

10.1 Is-Sindku ppropona li ghandu jigu ppubblikat fuljett informattiv dwar il-progetti li qed iwettaq il-Kunsill fejn jitqassam f'kull dar fil-lokalita`. Il-Kunsill qabel ma dan.

**11 Qala Creek – disinni godda u l-appell tal-MEPA dwar l-istess disinni.**

11.1 Il-Kunsill iddiskuta d-disinni godda tal-propost progett f'Hondoq ir-Rummien. Ser ikun hemm laqgha l-MEPA dwar dawn id-disinni.

**12 Materji ohra.**

12.1 Giet trattata l-iscript ghall-prezentazzjoni vizwali fuq progetti mwettqa dan l-ahhar mill-Kunsill Lokali.

12.2 Gew mibghuta zewg ittri mill-Kunsill lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn gie mitlub sabiex il-Kunsill jinghata l-ammont ta' €7,000 ghall-iskema ta' Attivitajiet Kulturali 2011 u l-ammont ghall-iskema Finanzjament Libreriji Lokali. Is-Sindku semma li l-Kunsill ircieva l-fondi ta' dawn l-iskemi.

12.3 Giet trattata *press release* dwar l-inawgurazzjoni tas-Sala tal-Komunita` fil-Qala u Premju Gieh il-Qala 2011.

12.4 Gie trattat id-diskors tal-Kunsillier Victor Grech li huwa ghamel ghal Premju Gieh il-Qala 2011

12.5 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil Katja Scicluna dwar lista tal-bdiewa fil-Qala li huma relatati mat-toroq imsemmija fl-applikazzjoni mizura 125 li ssottometta l-Kunsill.

12.6 Il-Qala Saints Football Club ser jaghmlu xoghol ta' manutenzjoni fil-5 *a-side synthetic mini pitch* li hemm fil-*ground* tal-*football* fi Triq l-Imgarr, Qala u li huma qed jitolbu l-ghajnuna tal-Kunsill dwar dan. Il-Kunsill qabel li ghandhom jinghataw l-ghajnuna mehtiega sabiex isir dan ix-xoghol ta' manutenzjoni.

12.7 Is-Sindku semma li l-Kunsill ircieva l-fondi mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali ta' l-iskema ghal-tindif ta' Hondoq kif ukoll il-fondi tal-*Urban Improvement Fund* tal-MEPA dwar ghamara ghal 'Gnien il-Hajja'.

12.8 Il-Kunsill unanimament approva li jaghti 10% *performance bonus* lis-Segretarja Ezekuttiva Marcia Borg, li jinghata fi tmiem tas-sena finanzjarja tal-Kunsill.

12.9 Is-Sindku semma li s-Segretarja Ezekuttiva Marcia Borg ghandha xi granet mill-*vacation leave* tas-sena 2011 li ma giehx mehud. Ghalhekk gie mitlub l-permess tal-Kunsill sabiex dawn il-granet jigu akkumulati ghal ma din is-sena, jigifieri ghas-sena 2012. Il-Kunsill unanimament approva din it-talba.

**13 Korrispondenza.**

13.1 Giet trattata l-korrispondenza li gejja:

13.2 Ittra mibghuta mid-Direttur Carmel Abela mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, fejn il-Kunsill gie nformat li ser jinghata €10,000 ghas-seba' edizzjoni tal-QIFF 2012.

13.3 Ittra mibghuta minn Silvio Frendo ghad-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar allokazzjoni finanzjarja 2012.

13.4 Kopja ta' l-ordni ta' ritratti mill-arju ta' l-*area* ta' Muxi.

13.5 Ittra mibghuta minn Louis Debattista minn '*The Dusty House*', Triq ta' Cini, Qala, dwar l-uzu tar- rota mit-tfal.

13.6 Formola ta' nominazzjoni ghal premju nazzjonali haddiem tas-sena.

13.7 Ittra mibghuta mis-Segretarju Parlamentari ghall-Konsumatur, Kompetizzjoni Gusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika l-Onorevoli Dr Chris Said dwar l-Ewropa fuq ir-Roti.

13.8 Ittra mibghuta minn Vincent Grech *Chairman* – Kumitat Celebrazzjonijiet Nazzjonali u Regjonali mill-ufficcju tal-Kultura u Informazzjoni dwar Karnival Regjonali t' Ghawdex 2012.

13.9 Ittra mibghuta mid-Direttorat ghat-Trasport fuq l-Art dwar ittra li ntbghatet lil kuntratturi kollha registrati ma Transport Malta dwar xoghlijiet mhux essenzjali f'toroq arterjali u distributorji.

13.10 Zewg ittri mibghuta minn Roderick Micallef ghal Rosianne Vella fil-MEPA dwar kopja ta' avviz ta' decizjoni relatat ma l-applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp bin-numri PA/04826/09 u PA/04827/09.

13.11 *Script* ta' *walk* 8 *The East Coast and Qala*

13.12 Ittra mibghuta minn Marthese Baldacchino mill-MEPA dwar *statement of funds* sa l-ahhar ta' Dicembru 2011.

13.13 Notifika t'avviz mibghuta minn Jonathan Attard ghad-Direttur ta' l-infurzar fil-MEPA, b'referenza ECF 00623/11 fejn b'din l-istess notifika nforma lill-Kunsill li l-Awtorita` harget Avvizi ta' Infurzar u kopja ta' din qed tigi annessa ghall-attenzjoni tal-Kunsill.

Il-laqgha ntemmet fit-8:00 ta' fil-ghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar il-Gimgha 23 ta' Marzu 2012.

| | |
|---|---|
| Paul Buttigieg | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |